

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8882/26

COH 75
CADREFIN 197
POLGEN 112
ECOFIN 572
ENV 455
TRANS 271
PECHE 157
JAI 526
ENER 222
MI 429
MAR 68
COMPET 525
SAN 275
SUSTDEV 36
RECH 206

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: L-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Mejju 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-4170 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Mejju 2026.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar l-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009¹, li adotta l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill² dwar is-suġġett abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009³;
2. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-kunsens milħuq permezz ta' proċedura ta' silenzju fit-28 ta' Novembru 2025 mir-rappreżentanti tad-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja fir-rigward tal-applikazzjoni għal sħubija sħiħa mressqa min-Norveġja;
3. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-ittra tal-20 ta' Marzu 2026 mill-President tal-Grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali tal-Istrateġija tal-UE lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-UE li titlobha tniedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tan-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku;
 - A. JILQA' u JAĊĊETTA t-talba mressqa mill-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex in-Norveġja tiġi inkluża fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku;
 - B. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex tinkludi lin-Norveġja fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u biex tippreżenta Strateġija emendata kif meħtieġ lill-Kunsill.

¹ 15265/1/09 REV 1.

² 15018/09.

³ 11308/09.